MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 582/2004

**Middle Sea Insurance Plc hekk kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sandro Zammit u l-istess Sandro Zammit**

**vs**

**Mark Zahra**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fia-17 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm276.73) rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru AAM 041 fis-7 ta' Lulju 2003 fil-limiti ta' Bugibba habat mal-vettura numru FBJ 792 propjeta' ta Sandro Zammit u misjuqa minn Romina Zammit u kkaguna danni fl-imsemmija vettura. Dan l-incident kien unikament responsabbli ghalih il-konvenut

stante li huwa kien negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta Jannar 2003 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Il-konvenut ma kienx negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu u l-incident gara unikament tort tal-attur.
2. Id-danni huma kontestati.
3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda tal-attur Sandro Zammit, ta' Romina Zammit, ta' PS 614 Saviour Garcia, tal-konvenut u ta' Tarcisio Zahra. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti essebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.
I
Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Lulju 2003 fi Triq l,l-Mosta kantuniera ma Triq il-Villeggjatura, Bugibba, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 792 misjuqa minn Romina Zammit, propjeta' tal-attur Sandro Zammit u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAM 041 misjuqa mill-konvenut.

Romina Zammit xehdet li fi-data tal-incident hija kellha l-vettura taghha parkeggjata f Triq il-Villeggjatura, San Pawl il-Bahar. Qabel ma harget mill-*parking* xeghlet l-*incicator,* harset lura sabiex tara humiex gejjin vetturi u malli bdiet iddur rat trukk gej mill-boghod u ndunat li setghat tohrog komodament. Hija tispjega li harget u mxiet tul ta' madwar tlett vetturi, waqfet fuq l-Istop Sign u wara li kienet ilha wieqfa ftit sekondi hasset daqqa fuq in-naha ta' wara tal-

vettura taghha. Hija qablet mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz.

In kontro-ezami Zammit issostni li kienet hierga mill-*parking* meta rat il-vettura tal-konvenut l-ewwel darba u tsipjega li sabiex harget mill-*parking* hija dawret l-*isteering* u mhux harget dritt. Hija tghid ukoll li ma kienx hemm vetturi weqfin fuq l-Istop Sign u l-anqas ma genbha. Il-hsara fil-vettura taghha kienet fuq wara u fil-fanal. Il-bumper kien imdahhal il-gewwa u mhux migruf u kellha grif mal-genb tal-lemin li gie kkawzat meta l-vettura tal-konvenut tkaxkret mal-vettura taghha tghid Zammit.

Mark Zahra xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq it-trukk bin-numru tar-registrazzjoni AAM 041 hiereg minn Bugibba u sejjer lejn San Pawl il-Bahar. Man-naha tax-xellug tieghu huwa ra vettura wieqfa bil-bieba miftuha bis-sewwieq qed jghabbi xi affarijiet fiha. Il-vettura li kien hemm quddiem il-konvenut waqfet fuq l-Istop Sign u huwa waqaf warajha. Din il-vettura kienet qed tinstaq minn missier il-konvenut. Il-konvenut ikompli jghid li sakemm huwa kien wieqaf fuq l-Istop Sign il-vettura li precedentement kien ra wieqfa bis-sewwieq qed jghabbi xi affarijeit pruvat taqilghu min-naha ta' gewwa u laqtitu mar-rota ta' quddiem tan-naha tax-xellug. Dejjem skond iil-konvenut Romina Zammit kellha hsara fil-*mudguard* u l-*bumper* li kienu mghafgin il-gewwa..Il-konvenut isostni li huwa kien wieqaf fil-mument tal-impatt. Missier il-konvenut lahaq hareg minn fuq l-Istop Sign.

Mill-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa kif riportati fil-paragrafu precedenti jirrizulta li t-tnejn qed jghidu li kienu weqfin fil-mument tal-impatt. Romina Zammit tghid li hija kienet wieqfa qed tistenna sabiex tohrog minn fuq l-Istop Sign meta l-konvenut gie minn warajha u laqatha fuq wara man-naha tal-lemin mentri l-konvenut jghid li huwa kien wieqaf fuq l-Istop Sign meta Zammit pruvat taqilghu min-naha tax-xellug u laqtitu fir-rota ta' quddiem man-naha tax-xellug. Jekk wiehed jara l–verzjonijiet li taw il-partijiet *a tempo vergine*, liema verzjonijiet jinsabu riportati fir-*Road Accident Report* esebit a fol. 33 tal-process, jara li filwaqt li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Romina Zammit baqghet

l-istess, dik moghtija mill-konvneut inbidlet. *A tempo vergine* fil-fatt il-konvenut qal li waqt li kien qed jipprocedi fi Triq il-Villeggjatura harget vettura mill-*parking* u laqtitu, mentri meta xehed quddiem dan it-Tribunal huwa sotna li Zammit pruvat taqilghu minn gewwa. Ghal din ir-raguni it-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Romina Zammit.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatt li Romina Zammit kienet harget minn parking space qabel ma sehh l-incident ma kkontribwiex ghad-dinamika tal-incident ghaliex kemm mix-xhieda tagha kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li hija kienet ilha li harget mill-*parking space* meta sehh l-impatt. Hija kienet lahqet imxiet tul ta' tlett vetturi u waqfet fuq l-Istop Sign. Inoltre il-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz u l-hsara riportata fiz-zewg vetturi jkomplu jikkoroboraw l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Zammit.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut Mark Zahra li dahal fil-vettura ta' Romina Zammit minn wara waqt li din kienet wieqfa fuq l-Istop Sign. Huwa kien negligenti fis-sewqan tieghu peress li ma zxammx *a proper lookout* ghal dak li kin qed jigri fit-triq madwaru.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2004) u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti kollha relattivi ghad-danni minnhom reklamati, liema danni jidher li huma kompatibbli mad-dinamka tal-incident *de quo.*

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm276.73), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------